25 ta' Ġunju, 1955

**Imħallef:**
**Chev. Onor. Dr. W. Harding, B.Litt., LL.D.**

Il-Pulizija *versus* Paul Borg

## Impjegat — Liċenzjament — Art. 25 (3) (d), 7 u 10 tal-Att XI tal-1952.

*Kull min ikun impjegat taħt kuntratt ta' servizz għal żmien indeterminat, u ikun ilu hekk impjegat kontinwament għal aktar minn sentejn, jeħtieġ li jagħti lill-prinċipal pre-avviż ta' almenu erbgħa ġimgħat, jekk ikun irid iħalli l-impjeg; kemm il-darba, pero, ma jkollux "good and sufficient cause" biex iħalli dak l-impjeg.*

*Meta si tratta ta' impjegat li jħalli l-impjeg, il-liġi tħalli l-ġudizzju dwar x'inhi "good and sufficient cause" interament fid-diskrezzjoni tal-Qorti. Fil-każ invers, ta' liċenzjament tal-impjegat, il-liġi tiddikjara li ċerti każijiet ma humiex raġuni tajba u suffiċjenti għall-liċenzjament.*

*Il-fatt li l-prinċipal ifalli ta' spiss milli jagħti lill-impjegat il-ħlas tiegħu, jew li jirritarda ta' spiss dak il-ħlas, kollu jew parti minnu, bla raġuni, jikkostitwixxi raġuni tajba u biżżejjed biex l-impjegat iħalli l-impjeg mingħajr ma jagħti lill-prinċipal dak il-pre-avviż.*

Il-Qorti — Rat iċ-ċitazzjoni tal-Pulizija kontra Paul Borg quddiem il-Qorti Kriminali tal-Maġistrati ta' Malta talli l-Ħamrun, fl-20 ta' Settembru, 1954, wara perijodu ta' impjeg ta' iżjed minn sentejn fix-xogħol tal-madum ma' Carmelo Vella, ta' 8G, Cannon Road, il-Ħamrun, ħalla minn dan l-impjeg mingħajr ma taħ avviż bil-quddiem ta' erbgħa ġimgħat, kif inhu mitlub mill-liġi; barra minn dan, naqas li jħallas lill-imsemmi Carmelo Vella s-somma ta' £11. 13. 3, ugwali għal nofs il-paga rigward il-perijodu tal-avviż ta' erbgħa ġimgħat;

Rat is-sentenza ta' dik il-Qorti tat-12 ta' April, 1955, li biha sabitu ħati u kkundannatu għall-multa ta' £5;

Rat ir-rikors li bih l-imputat appella, u talab li d-deċiżjoni fuq imsemmija tiġi revokata, u li hu jiġi assolt;

Trattat l-appell;

Ikkunsidrat;

Kull min *ikun impjegat taht* kuntratt ta' servizz għal żmien indefinit, u jkun ilu impjegat kontinwament għal aktar minn sentejn, jeħtieġ li jagħti pre-avviż ta' almenu erbgħa ġimgħat, jekk ikun irid iħalli l-impjeg;

"Ex admissis", dan kien il-każ tal-appellant, li ma tax pre-avviż. *Hu jsostni, però, li ma kienx tenut jagħti* dan il-pre-avviż għax telaq mis-servizz għal "good and sufficient cause" (ara art. 25(3)(d) u (7) Att No. XI tal-1952), għall-assunt tal-Prosekuzzjoni, u "idem" (10) għat-teżi tad-difiża:

*Meta si tratta ta'* **impjegat li** *jħalli* l-impjeg, il-liġi tħalli l-ġudizzju dwar x'inhi **"good and sufficient cause"** interament fid-diskrezzjoni tal-Qorti, mentri fil-każ invers, ta' liċenzjament tal-impjegat, tiddikjara li ċerti każijiet ma humiex raġuni tajba u suffiċjenti;

Ma hemmx dubju li l-fatt li l-prinċipal ifalli ta' spiss milli jagħti lill-impjegat il-ħlas tiegħu, jew ta' spiss jirritarda bla raġuni dak il-ħlas, kollu jew parti minnu, jikkostitwixxi kawża tajba u suffiċjenti; għax jekk, minn naħa waħda, l-impjegat għandu jagħti lill-prinċipal *ix-xogħol tiegħu*, b'ħiltu kollha u bl-onestà kollha, minn naħa l-oħra l-prinċipal għandu jkun puntwali fil-ħlas tal-impjegat, biex dan jista' jkompli mal-impenji tiegħu l-oħra tal-ħajja;

L-appellant xehed li hu telaq lil Vella, li miegħu kien impjegat bħala *"tile layer"*, għax dan ma kienx iħallsu. Infatti, fuq din id-domanda tal-Avukat tal-Kuruna...... l-appellant irrisponda......;

Il-Qorti, għalhekk, għandha tara liema minn dawn iż-żewġ versjonijiet hi sostnuta;

Ix-xhud Luciano Tanti......;

Minn dan kollu jidher li Vella ma kienx iħallas lill-appellant, jew kien jirritardalu l-ħlas kolpożament, mhux minħabba n-nuqqas ta' aċċertament ta' kalkoli, imma jew għax kien pagatur ħażin, jew għax ma kienx sejjer tajjeb fin-negozju u ma kienx ikollu minn fejn;

Omissis;

Għalhekk l-imputat seta' jħalli l-impjeg bla pre-avviż, għaliex kellu raġuni tajba u suffiċjenti;

Għal dawn il-motivi;

Tiddeċidi;

Billi, tilqa' l-appell, tirrevoka s-sentenza appellata, tiddikjara l-imputat mhux ħati, u tordna li jiġi liberat.